

Brussell, 8 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9419/26

ECOFIN 623
UEM 170
FIN 699
ECB
EIB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILLI temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Portugall

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Portugall

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”) tal-Portugall fit-22 ta’ April 2021, il-Kummissjoni pproponiet li l-Kunsill jagħtih valutazzjoni pożittiva. Fit-13 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni² (“Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021”). Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta’ Ottubru 2023³, tat-8 ta’ Ottubru 2024⁴, tat-13 ta’ Mejju 2025⁵, tad-29 ta’ Settembru 2025⁶ u tat-12 ta’ Diċembru 2025⁷.
- (2) Fil-31 ta’ Marzu 2026, il-Portugall għamel talba motivata lill-Kummissjoni biex tressaq proposta li temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista’ jinkiseb kompletament minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta’ dan, il-Portugall ippreżenta RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi għall-RRP ippreżentati mill-Portugall minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 92 miżura.

² Ara d-dokumenti ST 10149/21 u ST 10149/21 ADD 1 REV 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

³ Ara d-dokumenti ST 13351/23 u ST 13351/23 ADD 1 REV 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

⁴ Ara d-dokumenti ST 13497/24 u ST 13497/24 ADD 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

⁵ Ara d-dokumenti ST 8055/25 u ST 8055/25 ADD 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

⁶ Ara d-dokumenti ST 12491/25 u ST 12491/25 ADD 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

⁷ Ara d-dokumenti ST 15796/25 u ST 15796/25 ADD 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

- (4) Il-Portugall spjega li żewġ miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba diffikultajiet tekniċi mhux mistennija. Dan jikkonċerna l-miżuri C21-i09 (Punt uniku ta' servizz għall-għoti ta' permessi u l-monitoraġġ ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli) u C21-i14 (Tranżitu Rapidu tal-Karozzi tal-Linja Braga). Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li daww il-miżuri jitneħħew. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (5) Il-Portugall spjega li 24 miżura parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba diżastri naturali, diffikultajiet tekniċi mhux mistennija jew nuqqas ta' domanda. Dan jikkonċerna l-miżuri C01-i01 (Servizzi tal-kura tas-saħħa primarja b'aktar twegġibiet), C01-i02 (In-Network Nazzjonali tal-Kura Kontinwa Integrata u n-Network Nazzjonali tal-Kura Paljattiva), C01-i03 (Appoġġ għar-riforma tas-saħħa mentali), C01-i05-RAM (Appoġġ għas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali ta' Madeira), C02-i02 (Skambju Nazzjonali ta' Emerġenza u Akkomodazzjoni Temporanja), C03-i02 (Aċċessibbiltà 360), C05-i04-RAA (Rikapitalizzazzjoni tas-Sistema tan-Negożju tal-Azores), C05-i07-RAM (Strumenti ta' kapitalizzazzjoni għall-kumpaniji f'Madeira), C05-i15-RAA (Fond ta' ekwità għar-rikapitalizzazzjoni tas-Sistema tan-Negożju tal-Azores), C06-i01 (Modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali), C06-i06 (Kapaċitajiet fix-Xjenza), C06-i09 (Skejjel ġodda jew rinnovati), C07-i00 (Estensjoni tan-network tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi), C07-i02 (Konnessjonijiet neqsin u żieda fil-kapaċità tan-Network), C07-i06 (Oqsma ta' Akkoljenza għan-Negożji), C09-i03-RAM (Pjan għall-effiċjenza u l-provvista tal-ilma u s-sistemi ta' irrigazzjoni ta' Madeira), C10-i02 (Tranżizzjoni Ekoloġika u Diġitali u Sikurezza fis-Sajd), C10-i07 (Trasport Marittimu Ekoloġiku), C13-i02 (L-effiċjenza enerġetika fil-bini tal-gvern jew fil-binjiet pubbliċi), C16-i02 (Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi), C16-i03 (Katalizzatur għat-Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi), C17-i02 (Modernizzazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana għat-tassazzjoni tal-proprjetà rurali), C19-i01 (Tfassil mill-ġdid tas-servizzi pubbliċi u konsulari) u C21-i13-RAM (Id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport). Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li jiġu emendati dawk il-miżuri. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (6) Il-Portugall spjega li ġew emendati 20 miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tagħhom. Dan jikkonċerna l-miżuri C01-i04 (Modernizzazzjoni u rinnovazzjoni taż-żoni tal-isptarijiet u t-tagħmir għall-isptarijiet), C02-i03-RAM (Akkomodazzjoni soċjali fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira), C02-i05 (Stokk ta' akkomodazzjoni pubblika affordabbli), C05-i05-RAA (L-Irkupru Ekonomiku tal-Agricoltura tal-Azores), C05-i08 (Aktor Xjenza Diġitali), C06-i03 (Inċentiv għall-adulti), C06-r14 (Riforma tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali), C08-i03 (Waqfiet għall-ġestjoni tal-fjuwil - network primarju), C09-i01 (Pjan Reġjonali għall-Effiċjenza tal-Ilma ta' Algarve), C09-i05 (Il-Park Fotovoltajku ta' Alqueva), C12-i02 (Ir-riċiklaġġ u l-irkupru tal-iskart), C14-i03-RAA (It-Tranżizzjonijiet tal-Enerġija fl-Azores), C18-r33 (Il-ġustizzja ekonomika u l-ambjent tan-negozju), C18-i01 (Il-ġustizzja ekonomika u l-ambjent tan-negozju), C19-i05-RAM (It-tranżizzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika ta' Madeira), C19-i06-RAA (It-tranżizzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika fl-Azores), C20-i02-RAA (Edukazzjoni diġitali (Azores)), C21-i04-RAM (L-effiċjenza enerġetika fil-bini tal-amministrazzjoni pubblika jew reġjonali f'Madeira), C21-i03 (Miżura fuq skala akbar: L-effiċjenza enerġetika fil-bini użat mis-settur tas-servizzi) u C21-i17 (Skema li tappoġġa l-idroġenu rinnovabbli u l-gassijiet rinnovabbli). Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li jiġu emendati dawk il-miżuri. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (7) Il-Portugall spjega li ġew emendati 35 miżura biex tiġi implimentata alternattiva aħjar li tippermetti li jitnaqqas il-piż amministrattiv u li tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġġettivi ta' dawk il-miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri C01-i10 (Programm ta' Modernizzazzjoni tat-Teknoloġija tal-NHS), C01-i11-RAA (Il-modernizzazzjoni u r-rikwalifikazzjoni tas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali), C02-i07-RAA (Infrastruttura għal irqajja' ta' art għal akkomodazzjoni residenzjali), C03-i01 (Ġenerazzjoni ġdida ta' tagħmir u risponsi soċjali), C03-i03-RAM (Reazzjonijiet soċjali fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira), C03-i04-RAA (Strateġija Reġjonali għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali - Networks ta' Appoġġ Soċjali (ARA)), C03-i06 (Interventi soċjali f'komunitajiet żvantaġġati fiż-Żoni Metropolitan ta' Lisbona u Porto), C03-r38 (Simplifikazzjoni tas-Sistema tas-Sigurtà Soċjali), C04-i01 (Networks Kulturali u Tranżizzjoni Diġitali), C04-i02 (Il-Wirt Kulturali), C05-i03 (Aġenda ta' riċerka u innovazzjoni għall-agrikoltura, l-ikel u l-agroindustrija sostenibbli [Aġenda għall-Innovazzjoni għall-Agrikoltura 2030]), C05-i11 (Espansjoni: Mobilizzazzjoni u Aġendi Ekoloġiċi/Alleanzi għall-Innovazzjoni tan-Negozju (Self)), C05-i13 (Unitajiet ta' riċerka xjentifika), C06-i05-RAA (Kwalifika għall-Adulti u Tagħlim Tul il-Ħajja (ARA)), C07-i05-RAA (Ċirkwiti Loġistiċi - Network Reġjonali tal-Azores), C07-i03 (Konnessjonijiet transfruntiera u aċċessibbiltà ta' Oqsma ta' Akkoljenza tan-Negozji), C08-i01 (Trasformazzjoni tal-Pajsaġġ f'Żoni tal-Foresti Vulnerabbli), C10-i04-RAA (Cluster do Mar dos Açores), C10-i05-RAA (It-tranżizzjoni tal-enerġija, id-diġitalizzazzjoni u t-tnaqqis tal-impatt ambjentali fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura), C10-i06-RAM (Teknoloġiji oċeaniċi), C12-i01 (Il-bijoekonomija), C12-r39 (L-ekonomija ċirkolari u l-immaniġġjar tal-iskart), C13-i01 (L-effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali),

C13-i03 (L-effiċjenza enerġetika fil-bini użat mis-settur tas-servizzi), C15-i08 (Kostruzzjoni tal-estensjoni tan-Network tal-Metro ta' Porto - Casa da Música-Santo Ovídio, fażi ta' kostruzzjoni), C16-i04 (Industrija 4.0), C16-i05-RAA (Il-Kapaċità Diġitali u t-Trasformazzjoni tal-Intrapriżi fl-Azores), C16-i06-RAM (L-intrapriża 4.0), C17-r40 (Simplifikazzjoni tas-Sistema tat-Taxxa), C19-i03 (Tisħiħ tal-qafas ġenerali ta' ċibersigurtà), C19-i07 (Amministrazzjoni pubblika mogħtija s-setgħa li toħloq valur pubbliku), C19-i08 (Territorji intelliġenti), C20-i03-RAM (L-aċċellerazzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni tal-ARM), C21-r48 (Simplifikazzjoni tal-qafas legali u regolatorju applikabbli għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli) u C21-i16 (Funikulari ta' Nazaré). Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li jiġu emendati dawk il-miżuri. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (8) Wara t-tneħħija u t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Portugall talab li juża r-riżorsi liberati bit-tneħħija tal-miżuri u t-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex iżid miżura waħda ġdida. Dan jikkonċerna l-miżura C01-i13 (Kura tas-saħħa primarja - Ċentri tas-saħħa). Barra minn hekk, il-Portugall talab li jżied il-livell ta' implimentazzjoni ta' 10 miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri C05-i14 (Innovazzjoni tan-negozju), C05-i06 (Kapitalizzazzjoni tal-kumpaniji u reżiljenza finanzjarja/Banco Portugues de Fomento), C08-i05 (Programm Aktar Foresti), C10-i01 (Ċentru Blu, Network ta' Infrastruttura għall-Ekonomija Blu), C14-i04 (Skema ta' għotjiet għall-Idroġenu u l-gassijiet rinnovabbli), C15-i06 (Diġitalizzazzjoni tat-Trasport bil-Ferrovija), C19-i04 (Infrastruttura diġitali kritika effiċjenti, sigura u kondiviża), C21-i02 (Miżura fuq skala akbar: L-effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali), C21-i18 (Skema ta' appoġġ għall-flessibilità u l-ħżin tan-network) u C21-i11 (RAM (Sistema ta' inċentivi għall-produzzjoni u l-ħżin tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli f'Madeira u f'Porto Santo). Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li tiżdied miżura waħda ġdida u jżied il-livell ta' implimentazzjoni ta' 10 miżuri. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri

- (9) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mill-Portugall.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (10) Ġew identifikati erba' żbalji klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, li jaffettwaw tliet miri, u miżura taħt erba' komponenti. Jenġtieg li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata biex tikkoreġi dawk l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fis-26 ta' Mejju 2023, kif maqbul bejn il-Kummissjoni u l-Portugall. Dawn l-iżbalji klerikali huma relatati mal-mira 1.40 fil-miżura C01-i04 (Modernizzazzjoni u rinnovazzjoni taż-żoni tal-isptarijiet u t-tagħmir għall-isptarijiet) taħt il-komponent 1 (Servizz Nazzjonali tas-Saħħa), il-mira 14.17 fil-miżura C14-i04 (Skema ta' Għotjiet għall-Idroġenu u l-gassijiet rinnovabbli) taħt il-Komponent 14 (Idroġenu u Enerġija Rinnovabbli), il-miżura C15-i01 (Espansjoni tan-Network tal-Metro ta' Liżbona - Linja l-Ħamra għal Alcântara, fażi ta' kuntrattar) taħt il-komponent 15 (Mobbiltà Sostenibbli) u l-mira 21.32 fil-miżura C21-i10-RAA (Sistema ta' inċentivi għax-xiri u l-installazzjoni ta' sistema ta' ħżin tal-enerġija rinnovabbli fl-Azores) taħt il-komponent 21 (REPowerEU). Dawn il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (11) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (12) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u l-kriterju 2.4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura (klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investment inklużi fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (13) Il-Portugall ippreżenta valutazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” għal kull wieħed mill-investimenti l-ġodda. Modifiki oħrajn tal-miżuri inklużi fl-RRP oriġinali ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, jista' jiġi konkluż li l-ebda miżura fl-RRP emendat ma tagħmel ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj>).

Kontribuzzjoni għall-objettivi tar-REPowerEU

- (14) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da), u l-Anness V, il-kriterju 2.12 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.
- (15) Fil-Kapitolu REPowerEU tal-RRP emendat, tneħħew żewġ miżuri (C21-i09 (Punt uniku ta' servizz għall-permessi u l-monitoraġġ ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli) u C21-i14 (Tranżitu Rapidu tal-Karozzi tal-Linja Braga)) u l-miżura C21-i17 (l-Iskema ta' appoġġ għall-idroġenu rinovabbli u l-gassijiet rinnovabbli) ġiet ikkonsolidata bl-iskemi ta' appoġġ fil-Komponent 14 (C14-i04) għal finijiet ta' simplifikazzjoni. Fl-istess ħin, l-iskala ta' xi miżuri tkabbret, bħal C21-i02 (Miżura bi skala li tkabbret: Effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali) u C21-i18 (Skema għall-appoġġ tal-flessibbiltà u l-ħżin tan-network).

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità

- (16) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż għall-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jwasslu għal ammont li jirrappreżenta 37,93 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP emendat u 99,31 % tal-kost totali stmat tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (17) B'mod ġenerali, minħabba l-kontenut differenti tat-tikkettar klimatiku tal-miżura miżjuda u tal-miżuri mnaqqsa, l-emendi fl-RRP tal-Portugall jinvolvu żieda netta fil-kontribuzzjoni ġenerali għall-mira klimatika tal-RRP b'0,60 punti perċentwali, minn 37,33 % għal 37,93 %. Il-miżuri tal-RRP emendat huma mistennija li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jiffaċilitaw l-użu tal-enerġija rinnovabbli u b'hekk jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri klimatiċi għall-2030 u l-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sal-2050.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (18) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jwasslu għal ammont li jirrappreżenta 22,32 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (19) B'mod ġenerali, minħabba l-kontenut differenti tat-tikkettar diġitali tal-miżura miżjuda u tal-miżuri mnaqqsa, l-emendi fl-RRP tal-Portugall jinvolvu tnaqqis nett fil-kontribuzzjoni ġenerali għall-mira diġitali tal-RRP b'0,48 punti perċentwali, minn 22,32 % għal 22,80 %. L-RRP emendat huwa mistenni li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni diġitali, fosthom billi jżid id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u l-intrapriżi, b'mod li jżid l-għadd ta' servizzi diġitali għaċ-ċittadini u n-negozji kif ukoll investimenti fl-e-Saħħa u d-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-trasport.

Kalkolu tal-kostijiet

- (20) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i) u mal-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

- (21) Il-Portugall ipprova stimi tal-kostijiet individwali għall-investimenti emendati u ġodda inklużi fl-RRP emendat, filwaqt li bbaża fuq tnaqqis jew żieda proporzjonali, u fuq diversi sorsi biex jiġġustifikahom. L-informazzjoni dwar il-kostijiet ipprovduta hija dettaljata u sostanzjata biżżejjed. Il-Portugall ipprova stimi u suppożizzjonijiet dwar il-kostijiet, inklużi deskrizzjonijiet u spjegazzjonijiet tal-ixprunaturi ewlenin u l-bidliet fil-kostijiet tal-miżuri emendati u l-proporzjonalità tagħhom. Il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet u tad-dokumenti ta' sostenn turi li l-maġġoranza tal-kostijiet tal-miżuri l-ġodda u emendati huma ġġustifikati sew, raġonevoli u plawżibbli. Il-Portugall ipprova wkoll biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-ammont tal-kost totali stmat mhuwiex kopert minn finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (22) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi ppreżentati mill-Portugall ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (db), (g), (h), (j) u (k), tar-Regolament (UE) 2021/241.

Miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet tal-investiment li jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)

- (23) F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, il-Portugall qies bħala proġetti ta' prijorità dawk il-proġetti li ngħataw is-Siġill tas-Sovranità skont l-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament. Madankollu, il-Portugall qies li l-ebda tali proġett ma kellu jiġi inkluż fl-RRP emendat minħabba li parti minn dawk il-proġetti diġà żguraw finanzjament minn sorsi tal-Unjoni għajr il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Barra minn hekk, il-proġetti b'Siġill tas-Sovranità li għadhom ma żgurawx finanzjament jistgħu jiġu ffinanzjati taħt il-miżura l-ġdida C05-i14 (Innovazzjoni tan-negozju) fl-RRP emendat.

Valutazzjoni pożittiva

- (24) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

⁹ Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241, (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>).

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (25) Il-kost totali stmati tal-RRP emendat tal-Portugall huma ta' EUR 21 905 333 169. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Portugall, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat tal-Portugall jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 16 325 113 960. Għaldaqstant, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Portugall tibqa' l-istess.

Self

- (26) L-appoġġ fil-forma ta' self disponibbli għall-Portugall li jammonta għal EUR 5 580 219 209 jibqa' l-istess.
- (27) Għalhekk id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament.

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

- (28) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-għoti ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm tal-Unjoni ħliet għall-Faċilità tal-Irkupru u r-Reżiljenza jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma tirkibx fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkuprar u r-reżiljenza

Il-valutazzjoni tal-pjan għall-irkuprar u r-reżiljenza emendat għall-Portugall abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2

Emendi

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Portugall huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Portugiża.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
